MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2005

Numru 149/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Buttigieg**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Buttigieg talli (**1**) fil-Qala, fl-4 ta' Mejju 1998 b'eghmil zieni kkorrompa lil **A.B.** ta' 15-il sena, u aktar (**2**) talli f'post pubbliku jew post accessibbli ghall-pubbliku immanifattura, stampa jew xort ohra ghamel film pornografiku jew oxxen;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-14 ta' Jannar 2000 (fol. 157 tal-atti) li permezz taghha l-Avukat Generali baghat il-kaz biex jigi ggudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) billi deherlu li mill-attijiet tal-kumpilazzjoni setghet tinsab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-

Artikoli 203, 202, 207, 208, 17(b), 20 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-25 ta’ Jannar 2000 (fol. 158) mizmuma mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) mnejn jirrizulta li l-imputat John Buttigieg ghazel li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn dik il-Qorti Inferjuri bi procedura sommarja;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-27 ta’ April 2005 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi John Buttigieg “hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu”, ikkundannatu ghall-piena ta’ tlett snin prigunerija, ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti kollha esebiti, kif ukoll ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta’ isem il-minorenni “kull fejn jissemma f’dawn il-proceduri”;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi John Buttigieg, minnu ppresentat fid-9 ta’ Mejju, 2005 li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew, alternattivament u bla pregudizzju, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat in-nota ta’ l-imsemija **A.B.** u tal-genituri taghha **C.D.** u **E.F.**, ippresentata fid-29 ta’ Awissu 2005 li permezz taghha huma rrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta’ l-imsemmi John Buttigieg ghall-finijiet u effetti tal-ligi u senjatament tal-Artikoli 203(1)(3) u 545(1) tal-Kodici Kriminali; rat ir-“risposta” (proprjament nota responsiva) ta’ l-Avukat Generali tal-5 ta’ Settembru 2005 li tghid semplicement hekk: *“Illi stante li l-akkuza tinvolvi ukoll post pubbliku il-proceduri jistghu jitkomplew ai termini tal-proviso ghall-artikolu 544 tal-Kodici Kriminali”*;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-dfensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi, inkluza dik tal-lum; semghet ukoll – wara li ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza – xi xhieda fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-appellant qed jappella mill-htija kemm fir-rigward ta’ l-imputazzjoni ta’ korruzzjoni ta’ minorenni – l-ewwel imputazzjoni – kif ukoll fir-rigward ta’ l-imputazzjoni li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 208 tal-Kodici

Kriminali. Ghalkemm l-Avukat Generali, fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju aktar ‘l fuq imsemmija, jindika wkoll l-Artikoli 207 u 202 tal-Kodici Kriminali (attentat vjolent ghall-pudur aggravat), hu evidenti li hawn l-Avukat Generali kien qed jikkontempla biss il-possibilita` li l-fatti riferibbilment ghall-ewwel imputazzjoni ma jwasslux ghar-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni, ikkunsmat jew attentat, u ghalhekk kien qed igib ‘l quddiem ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti Inferjuri r-reat, kompriz u involut f’dak ta’ korruzzjoni ta’ minorenni, ta’ attentat vjolent ghall-pudur aggravat fuq il-persuna ta’ l-istess minorenni.

L-aggravju ta’ l-appellant fir-rigward tal-imputazzjoni ta’ korruzzjoni ta’ minorenni huwa, bazikament, li f’dan il-kaz, ghalkemm kien hemm atti ta’ libidini bejnu u bejn il-minorenni, din kienet diga korrotta b’tali mod li ma setghetx tigi aktar korrotta, b’mod ghalhekk li r-rekwizit tal-korruzzjoni effettiva kien nieqes. Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, l-appellant jissottometti li ma ingabet ebda prova li l-materjal pornografiku jew oxxen li kellu fil-pussess tieghu kien hekk ghandu “ghall-qligh jew ghat-tqassim jew ghall-wiri f’post pubbliku jew f’post accessibbli ghall-pubbliku”, li hu ingredjent essenzjali ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 208(1) tal-Kodici Kriminali. L-appellant ghandu mbghad aggravju iehor dwar il-piena, li huwa jqis li kienet wahda eccessiva.

Pero` qabel ma din il-Qorti tidhol f’dawn it-tliet aggravji, trid issa tiddetermina l-pregudizzjali li nholqot bin-nota ta’ **A.B.** (illum maggorenni) u tal-genituri taghha tad-29 ta’ Awissu 2005. Fl-udjenza tal-lum l-appellant iddikjara li kien qed jaccetta r-rinunzja ghall-finijiet tas-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 545 tal-Kap. 9[1]. Issa, gahlkemm huwa minnu li s-subabrtikolu (1) tal-imsemmi Artikolu 545 jipprovdi li *“meta l-azzjoni ma tistax titmexxa hlief b’talba tal-parti privata, il-kwerelant jista’, f’kull zmien sa ma tinghata s-sentenza finali, jirrinunzja ghall-kwerela li huwa jkun ga ghamel”*, dak li trid tara din il-Qorti huwa jekk, fil-kaz partikolari li ghandha quddiemha, l-azzjoni kienitx

[1] Artikolu 545(2): “L-imputat jew akkuzat jista’ ma jaccettax ir-rinunzja; f’dan il-kaz il-kawza tibqa’ sejra daqs li kieku ma tkunx saret ir-rinunzja.”

necessarjament tirrikjedi l-kwerela, b'mod ghalhekk li jkun applikabbli dana l-istess subartikolu (1).

Is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 203 tal-Kodici Kriminali, fit-tieni proviso tieghu, jipprovdi li, hlief jekk (a) id-delitt ta' korruzzjoni ta' minorenni jkun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku[2], jew (b) jekk l-eghmil zieni jsir b'abbuz tas-setgha ta' genitur jew ta' tutur, il-kwerela tal-parti offiza hija mehtiega sabiex jibda l-procediment kontra l-persuna allegatament responsabbli li wettqet dik il-korruzzjoni. Meta tali kwerela tkun hekk *sine qua non* ghall-bidu tal-procediment, dik il-kwerela tista' dejjem tigi rinunzjata sal-mument li tinghata s-sentenza finali. Fil-kaz in dizamina la jirrizulta li kien hemm vjolenza pubblika u lanqas jirrizulta li l-appellant – li ma jigi xejn mill-minuri in kwistjoni – kien qed jabbuza mis-setgha tieghu ta' genitur jew ta' tutur fir-rigward tal-minuri. L-Avukat Generali, pero`, fir-risposta tieghu aktar 'l fuq imsemmija, jippretendi li r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni f'dan il-kaz sar "flimkien ma' reat li jolqot l-ordni pubbliku" u dan peress li, dejjem skond l-istess Avukat Generali, "l-akkuza tinvolvi ukoll post pubbliku". Presumibbilment hawn l-Avukat Generali qed jirreferi ghall-gurisprudenza tal-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna li dejjem irriteniet li meta r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni jsir f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, allura dak ir-reat ikun akkumpanjat, ossia jsir "flimkien", ma' reat li jolqot l-ordni pubbliku ghall-fini tal-proviso ta' l-Artikolu 544 tal-Kap. 9. Pero` fil-kaz in dizamina ma tirrikorrix din ic-cirkostanza. Kemm mill-provi kumpilati kif ukoll mill-provi li din il-Qorti semghet illum proprju fuq dan il-punt, jirrizulta li l-eghmil zieni perpetrat mill-appellant sar f'post privat li ma jirrizultax li kien accessibbli ghall-pubbliku, ossia fid-dar ta' oht l-appellant. Huwa veru li t-<u>tieni</u> imputazzjoni dedotta kontra l-appellant tirreferi ghal "post pubbliku jew accessibbli ghall-pubbliku", pero` din it-tieni imputazzjoni tirreferi ghal fatti totalment differenti minn dawk ipotizzati fl-ewwel imputazzjoni. Konsegwentement l-oggezzjoni ta' l-Avukat Generali f'dan ir-rigward hija infondata, u dan gie

[2] Proviso ta' l-Artikolu 544.

rikonoxxut illum stess mill-Assistent Avukat Generali Dott. Anthony Barbara fil-kors tas-sottomissjonijiet tieghu.

Pero` din il-Qorti ma tistax tieqaf hawn fl-ezami biex tara jekk f'dan il-kaz il-kwerela kienitx *sine qua non* ghall-bidu tal-proceduri b'mod li jkun applikabbli l-Artikolu 545(1) tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 543 ta' l-imsemmi Kodici jindika liema huma dawk il-kazijiet fejn il-Pulizija Ezekuttiva tista' tmexxi minghajr il-kwerela privata. Fost dawn il-kazijiet jissemma' fil-paragrafu (c), il-kaz *"…ta' reat maghmul kontra persuna li, minhabba xi difett tal-gisem jew tal-mohh, ma tkunx tista' tmexxi l-azzjoni kriminali, ukoll jekk ir-reat ikun wiehed li ghalih, kieku kien maghmul kontra persuna ohra, kienet tkun mehtiega l-kwerela privata"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Din il-Qorti, fl-udjenza tal-lum, stiednet lill-partijiet sabiex jaghmlu sottomissjonijiet proprju dwar dan il-paragrafu (c).

Fil-fehma kunsidrata tal-Qorti, din id-disposizzjoni – rarament invokata fil-prattika – hija intiza sabiex tipprotegi lil min, minhabba problemi fizici jew mentali, ma jkunx ragjonevolment mistenni li jisporgi kwerela. L-espressjoni "ma tkunx tista' tmexxi", fil-kuntest tad-disposizzjoni in ezami, ma timplikax ostakolu assolut, izda wiehed relattiv ghad-"difett tal-gisem jew tal-mohh" li jkun. F'dawn ic-cirkostanzi jissubentra l-Istat bil-proceduri *ex officio*, u dan proprju biex jittutela l-interess tal-persuna in kwistjoni. Meta jkun hekk il-kaz, l-azzjoni ma tkunx allura tirrikjedi l-kwerela jew talba tal-parti privata u, per konsegwenza, anqas ma jista' jkun hemm l-estinzjoni ta' l-azzjoni minhabba r-recess ossia rinunzja tal-kwerela.

Il-Qorti tosserva li f'dan il-kaz f'ebda stadju ma giet presentata xi kwerela f'forma ta' dokument – la da parti tal-minuri **A.B.** (li allura kellha hmistax-il sena u li fiz-zmien relevanti ghall-ewwel imputazzjoni kienet taht *Care Order*[3]), u lanqas da parti tal-genituri taghha jew ta' xi hadd iehor kif provvdut fl-Artikolu 542 tal-Kodici Kriminali. Dan il-fatt *per se*, pero`, ma jfissirx li ma kienx hemm

[3] Ara kemm ir-ralazzjoni tal-psikjatra Dott. Joseph Saliba – fol. 95 *et seq.* – kif ukoll id-deposizzjoni ta' Maryanne Zammit – fol. 160 *et seq.*

kwerela – galadarba l-kaz beda quddiem il-Qorti Istruttorja kien applikabbli s-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 390 tal-Kap 9 li jipprovdi li *"jekk matul il-kumpilazzjoni l-imputat ma jitlobx u l-qorti ex officio ma tordnax il-prova tal-kwerela, din il-kwerela titqies li saret skond il-ligi"*. Dak li trid tara din il-Qorti huwa jekk, bhala fatt, u indipendentement minn jekk kienx hemm kwerela o meno, il-Pulizija setghux fi kwalunkwe kaz jipprocedu *ex officio* konformement mal-paragrafu (c) ta' l-imsemmi Artikolu 543.

Issa, dan il-paragrafu jitkellem dwar "difett" tal-gisem jew tal-mohh, u mhux, bhalma wiehed isib fil-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 201[4], "marda tal-gisem jew tal-mohh" – ghalkemm it-test ingliz fiz-zewg disposizzjonijiet juza l-kelma "infirmity". Din il-Qorti tifhem li l-espressjoni "difett tal-mohh" ("mental infirmity") fil-paragrafu (c) imsemmi ghandha tinghata interpretazzjoni konsona ma' l-iskop ta' l-istess paragrafu, u cioe` dak tal-protezzjoni li l-Istat hu fid-dover li jaghti lil min ma hux ragjonevolment mistenni li jkun kapaci li jittutela l-interessi tieghu (f'dan il-kaz billi jisporgi kwerela ossia imexxi l-azzjoni kriminali), u li ghalhekk din l-espressjoni ghandha tikkomprendi dawk l-anormalitajiet kollha, li ma humiex ta' natura purament fizika, li jxekklu konsiderevolment il-kapacita` ta' dak li jkun li jaghmel uzu mid-dritt tieghu tal-kwerela.

Fil-kaz in dizamina, jemergi car mill-kumpless tal-provi, pero` aktar u aktar mir-rapport u mid-deposizzjoni tal-Psikjatra Dott. Joseph Saliba, li **A.B.** kellha "bahavioural problems" kbar fuq sfond ta' personalita` vulnerabbli b'intelligenza baxxa fuq il-linja ta' demarkazzjoni bejn in-normali u s-*subnormal*. Dan il-psikjatra, infatti, ikkonkluda r-rapport tieghu (ara fol. 97) hekk:

**"Dan hu kaz kumpless hafna. It-tfajla tidher li hija ta' livell t'intelligenza baxxa probabbli fuq il-bordura bejn normali u sottonormali. M'hemm l-ebda sinjali ta' mard psikotiku jew dipressiv, izda l-imgieba taghha mihiex normali. Hlief li l-personalita` taghha ma tkunx ghadha maghguna minhabba l-eta` zghira taghha, is-**

[4] Li jispjega meta l-istupru jew l-attentat ghall-pudur jitqiesu vjolenti.

**sinjali li turi huma personalita` anormali ta' tip immatur w istrijoniku w b'tendenza kbira ghal gideb patologiku. Huwa difficli hafna jew impossibbli li wiehed ikun cert kemm minn din l-imgieba hija rizultat ta' personalita` anormali li tiweldet biha w kemm konsegwenza t'affarijiet li allegatament ghaddiet minnhom. Huwa maghruf u bla dubbju li xebbiet li jkunu ghaddew minn abbuz specjalment ta' eta` zghira jistghu jizviluppaw dawn it-tratti bhala rizultat tal-hsara li tkun saritilhom. F'persuna vulnerabbli, l-hsara fuq il-personalita` taghha tista' tkun qawwija hafna u permanenti."**

Fl-istess rapport, il-Psikjatra jispjega kif fil-periodu minn Marzu sa Settembru tal-1998 din **A.B.** kienet diehla w hierga mill-Isptar Monte Carmeli, issa bi problema (dejjem konnessa, pero`, mal-personalita` anormali taghha) u issa b'ohra. L-ewwel imputazzjoni tirreferi ghall-4 ta' Mejju 1998, u l-appellant, allura imputat, tressaq il-Qorti fis-7 ta' Mejju 1998. Dan ifisser li proprju fil-periodu meta wiehed jippretendi li l-parti offiza l-aktar li tkun disposta li tisporgi kwerela, **A.B.** kienet maqbuda f'xibka ta' problemi mentali li prattikament ghamluha impossibbli ghaliha, anke li kieku riedet, li tisporgi tali kwerela. Din il-Qorti m'ghandhiex l-icken dubbju li dan il-kaz kien wiehed li fih il-Pulizija setghu jipprocedu *ex officio* proprju in virtu` ta' dak li jipprovdi l-paragrafu (c) ta' l-Artikolu 543 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement, id-dokument presentat mill-istess **A.B.** u mill-genituri taghha fid-29 ta' Awissu 2005 ma jistax ikollu l-effett li jestingwi l-azzjoni skond l-Artikolu 545(1) tal-istess Kodici, izda jista' jkollu biss effett fuq il-piena in kwantu jammonta ghal forma ta' "mahfra" (anke jekk maghmula snin wara l-akkadut) tal-parti offiza.

Stabbilit dan il-punt, din il-Qorti ser tghaddi issa biex tezamina l-aggravju dwar l-ewwel imputazzjoni. Minn ezami akkurat tal-provi kollha, din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, hi konvinta li **A.B.** kellha <u>xi forma</u> ta' esperjenza sesswali ma' haddiehor qabel ma kellha ma' l-appellant. Jekk din l-esperjenza sesswali precedenti kienitx tal-frekwenza li donnha l-istess **A.B.** kienet taghti x'tifhem li kienet – ara d-diversi deposizzjonijiet tal-Assistant Kap ta'

l-Iskola, Maryanne Zammit – wiehed ma jistax jghid ghar-raguni semplici li din **A.B.** kienet, kif iddeskriviha l-psikjatra, “a pathological liar”. Fi kwalunkwe kaz, kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tfisser fis-sentenza taghha tat-2 ta’ Ottubru 2000 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. James Demanuele***, il-fatt li persuna minuri jkollha relazzjoni (jew addirittura relazzjonijiet) sesswali f’okkazjonijiet antecedenti ghal dawk meritu ta’ l-imputazzjoni, ma jfissirx neccessarjament li dik il-persuna tkun diga` tant korrotta li ma setghetx tigi aktar korrotta bl-eghmil zieni imputat. Kif inghad fl-imsemmija sentenza:

**“Kif dejjem gie ritenut mill-qrati taghna in tema ta’ korruzzjoni ta’ minorenni, kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari ta’ kull kaz. Fi kliem Luigi Majno: *‘E` una indagine…da istituirsi caso per caso dal giudice; e nonostante le difficolta` e incertezze inseparabili da tale apprezzamento, riteniamo che questa sia la soluzione piu` corretta, di fronte al testo e allo spirito dell’art. 335* [5]*, evitando quindi le due estreme opinioni, secondo l’una delle quali sussiste sempre il reato qualunque sia la precedente corruzione del minore: e secondo l’altra si esclude la sussistenza del reato medesimo ogni qualvolta la vittima non sia nuova alle pratiche veneree e senza curarsi di stabilire se la sua corruzione sia suscettiva di aggravamento per effetto di nuovi atti, lasciando cosi` indifesi in preda alla turpitudine altrui fanciulli che, caduti, spesso senza loro colpa, sulla via del vizio, se ne potrebbero ritrarre ove altri non abusasse della loro inesperienza o leggerezza per consumarne la rovina.”*** [6]

Il-kaz presenti, fil-fehma tal-Qorti, mhux il-boghod hafna minn dak ravvizat fl-ahhar parti tal-kwotazzjoni mill-Majno, u cioe` ta’ tfajla li, minhabba l-inesperjenza u l-vulnerabbilita` tal-karattru taghha, inqabdet f’cirku fejn

---

[5] L-ewwel parti ta’ l-Artikolu 335 tal-***Codice Zanardelli*** kienet tipprovdi hekk: *“Chiunque, mediante atti di libidine, corrompe una persona minore dei sedici anni, e` punito con la reclusione sino a trenta mesi e con la multa da lire cinqunata a millecinquecento.”*

[6] Majno, L., ***Commento al Codice Penale Italiano*** UTET (Torino), 1924, Vol. III, para. 1476, p. 189.

ohrajn setghu jabbuzaw facilment minnha, bil-korruzzjoni tkompli tizdied u taggrava ma' kull att ta' abbuz. Is-socjeta` tkun qed tonqos gravement, anzi b'mod atroci, li kieku ma taghtix il-protezzjoni taghha, anke permezz tas-sanzjonijiet penali, lil min jinqabad f'sitwazzjoni simili. Fi kliem iehor, is-sitwazzjoni li tiddelinea ruhha mill-provi f'dan il-kaz hija ta' tfajla li, minhabba problemi psikologici gravi (li setghu kienu ir-rizultat ta' abbuz fl-imghaddi) sabet ruhha abbuzata minn irgiel u guvintur, fosthom l-appellant. Din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, pero` ma tirravvizax fil-vittma dak il-grad estrem ta' korruzzjoni qabel l-4 ta' Mejju 1998 b'mod li hija ma setghetx tkompli tigi korrotta b'dak li sehh fl-imsemmija data. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Dwar it-tieni aggravju, l-appellant ghandu ragun. Ir-reat kontemplat fl-Artikolu 208 (a differenza ta' l-Artikolu gdid 208A, li pero` dahal fis-sehh biss fl-2002) jirrikjedi li l-materjal pornografiku jew oxxen ikun gie immanufatturat, stampat jew maghmul "ghall-qligh jew ghat-tqassim jew ghall-wiri f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku". Jigifieri irid ikun hemm dina l-intenzjoni specifika ta' qligh, ta' spacc jew ta' esposizzjoni pubblika. Mill-provi ma jirrizulta assolutament xejn minn dan. Ma hemm assolutament xejn x'jindika li r-ritratti u l-*videos* pornografici jew oxxeni li kien jigbed l-appellant kien hekk jigbidhom ghal xi wiehed mill-fini hawn aktar 'l fuq imsemmi. Ghalhekk huwa ghandu jigi liberat mit-tieni imputazzjoni.

Kwantu ghall-piena – u allura issa l-piena applikabbli hija biss dik fir-rigward tal-korruzzjoni ta' minorenni – din il-Qorti tosserva li l-Artikolu 203(1) jistabilixxi massimu ta' piena ta' tlett snin (bir-rekluzjoni jew minghajrha) izda ebda minimu. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz din il-Qorti hi tal-fehma li piena ta' prigunerija ta' erbatax-il (14) xahar tkun aktar taghmel ghall-kaz, tenut kont in partikolari tal-"mahfra" tal-vittma.

Ghall-motivi premessi tiddisponi mill-appell interpost billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

(a) thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond it-tieni imputazzjoni u minflok tilliberah minn din l-imputazzjoni;
(b) thassarha u tirrevokha f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta’ tliet snin prigunerija, u minflok tikkundannah ghall-piena ta’ sena (1) u xahrejn (2); prigunerija;
(c) u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, inkluza f’dik il-parti fejn ordnat id-distruzzjoni tal-oggetti ezibiti (kemm-il darba l-Avukat Generali ma jiddikjarax, mhux aktar tard minn gimgha mil-lum, li dawn l-oggetti, jew xi whud minnhom, huma mehtiega in konnessjoni ma’ xi proceduri ohra) kif ukoll fejn ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta’ isem il-vittma f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------